SPITERI BAILEY ADVOCATES

21 ta' Novembru 2016

**Onor. Sur Tonio Fenech**
**Chairman**
Kumitat Parlamentari ghall-Kontijiet Pubblici
Il-Parlament,
Valletta - Malta

Onor. Fenech,

F'isem il-**Union Haddiema Maghqudin - Voice of the Workers** (UHM) u l-**Medical Association of Malta** (MAM), qed inressaq l-odjerna talba sabiex il-Kumitat Parlamentari ghall-Kontijiet Pubblici, li tieghu inti Chairperson, jinvestiga l-kuntratti hekk maghrufa tat-tlett sptarijiet mal-Vitals Global Healthcare Malta (VGH).

L-interess ewlieni taz-zewg trade unions huwa dak tal-membri taghha, haddiema tal-Isptarijiet pubblici relattivi. Il-Gvern qed jesigi illi l-Unions taghna jaghlqu l-ftehim – izda l-Unions qed ihossu illi mhux fl-interess tal-membri taghhom illi jikkonkludu l-ftehim u dan fid-dawl ta' tant u tant mistoqsijiet, fatti neboluzi, nuqqas ta' risposti u nuqqas ta' trasparenza li jiccirkondaw il-ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare Malta.

Il-Unions esponenti jhossu illi mhux sewwa u ma jkunx fl-interess tal-membri taghhom illi jaghlqu l-ftehim meta mhux car x'inhuma l-konsegwenzi legali, prattici, fattwali, industrijali u reali fuq il-haddiema, konsegwenza tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare Malta.

Il-Unions ghamlu hafna mistoqsijiet li baqghu mhux mwiegba. Il-Unions talbu ghal hafna informazzjoni li baqghet ma nghatatx. Il-Unions esperjenzaw xhur twal ta' nuqqas ta' trasparenza, ta' nuqqas ta' serjeta' u ta' nuqqas ta' *level playing field*. Huwa ghalhekk, illi qabel ma l-Unions jhossuhom komdi dwar l-effetti reali tal-kuntratt msemmi fuq il-haddiema u l-kundizzjonijiet taghhom, huma mhux ser jersqu biex jiffirmaw. Huwa ghalhekk ukoll, li l-Unions qed jaghmlu minn kollox kif ikollhom l-informazzjoni kollha, inkluz ghalhekk billi ressqu t-talba odjerna.

158, MERCHANTS STREET,
VALLETTA VLT 1176, MALTA

T: +356 21 447 047
F: +356 21 491 069

INFO@SBADVOCATES.COM.MT
SBADVOCATES.COM.MT

SPITERI BAILEY ADVOCATES

**<u>Fatti Rizultanti sal-llum</u>**

Reċentament, il-Gvern ħabbar li kien se jgħaddi tliet sptarijiet f'idejn operatur privat, anzi aktarx illi llum gja ghaddha l-istess spartijiet.

Sal-ġurnata tal-lum ġew ippubblikati siltiet mill-kuntratti filwaqt illi partijiet sħaħ ġew iċċensurati.

Kien hemm xi stqarrijiet (mhux verifikati u aċċertati) min-naħa tal-Gvern, li minnhom jirrizulta illi :

- Il-kumpanija *Vitals Global Healthcare Malta* hi kumpanija ġdida li twaqqfet reċentament u giet reġistrata hawn Malta wara li saret is-sejħa għall-offerti;

- Din il-kumpanija hi proprjeta' ta' kumpanija *Bluestone 4*, registrata fil-British Virgin Islands (BVI). Jissemma vagament, mingħajr verifika, li din hi parzjalment proprjeta' ta' l-*Oxley Group* ta' Singapore, iżda ħadd ma jaf verament din ta' min hi;

- L-ebda waħda minn dawn il-kumpaniji mhi maghrufa illi għandha esperjenza fis-settur tas-saħħa, iżda nafu li *Vitals Global Healthcare* talbet u ħallset għall-konsulenza ma' żewġ kumpaniji Amerikani assoċjati ma' *Boston Medical* u *Virginia Medical*, li minn naha taghhom, dawn dejjem stqarrew li m' għandhomx x'jaqsmu mal-kumpanija Vitals;

- Is-Sur Ram Tumuluri hu dikjarat bħala direttur tal-kumpanija *Vitals*. Minn tfittxija fuq dominji pubblici fl-internet jidher li hemm twissija dwaru mill-*Canadian Chamber of Commerce* peress li kien involut f'kumpanija li kienet tmexxi lukandi u li falliet;

Jidher li l-kumpanija *Vitals Global Healthcare* u *Bluestone* għandhom assi konsistenti biss fi ftit eluf ta' ewro;

Is-Sur Ram Tumuluri stqarr f'intervista fil-ġurnal *The Malta Independent* li *Oxley* kienet se toħroġ terz mill-investiment mwieghed ta' €200 miljun, waqt li ż-żewġ terzi l-oħra kienu ser jinstabu minn kredituri finanzjarji oħrajn;

Minn tfittxija fuq dominji pubblici fl-internet, jidher li *Oxley* qatt ma ddikjarat li ser taghmel xi investiment f'dan il-progett, dan ma jidher imkien fil-*website* uffiċjali tagħha;

Fil-programm *Xtra* fuq PBS, il-Ministru Fearne qal li l-investiment ser issir issa minn Oxley u Bank of Australia";

F'intervista li saret mill-preżentatur Sergio Mallia fuq Radju RTK xi granet ilu, il-Ministru Chris Fearne qal li l-finanzjament kien gej, in kwantu ghal terz minn *Oxley* u żewġ terzi mill-kumpanija *Allianz*. Minn riċerka li saret fuq dominji pubblici fl-internet, jirriżulta li l-kumpanija *Allianz* qatt ma ddikjarat dan l-investiment u ebda uffiċjal jew parti mill-*management* ta' *Allianz* qatt ma għamel xi referenza għal dan ir-rigward;

Illi anzi, jirrizulta minn pubblikazzjonijiet ta' gurnalisti lokali (Daphne Caruana Galizia blog) illi minn *side letter* ippubblikatat jidher li din talbet li tinhall mill-obbligazzjonijiet finanzjarji taghha – fatt dan li ma jidhirx illi gie negat.

Il-Ministru Fearne ukoll iddikjara fuq Radju RTK li t-tliet sptarijet għaddew f'idejn il-kumpanija *Vitals Global Healthcare Malta*:

- Għas-somma ta' €3 miljun u ċens annwali ta' nofs miljun ewro (€500,000) fis-sena għat-tliet siti f'daqqa.

- Il-Ministru Fearne qal ukoll li (a) il-Gvern kien se jħallas għas-servizz, (b) il-ħaddiema ma kienux se jonqsu, (c) li s-somma li kien se jħallas il-Gvern kienet se tkun daqs kemm qed tiswa lill-Gvern bħalissa u (d) li l-pagi kienu se jitħallsu mill-Gvern u mbagħad jitnaqqsu mill-ħlas dovut;

- Intqal li mill-profitti ta' żvilupp fit-turiżmu mediku fi sptar privat, l-Isptar San Luqa, u f'Għawdex, l-operatur se jdaħħal biżżejjed flus biex ikun jista' jaghmel profitt wara li jaqta' l-ispejjeż kollha.

SPITERI BAILEY ADVOCATES

**Bart's Medical School (Queen Mary University of London)**

Il-Gvern iffirma ftehim separat u indipendenti ma' *Bart's Medical School* bl-intenzjoni li din tħaddem kors ta' ħames snin, bl-ewwel sentejn isir f'bini f'Għawdex u mbagħad jissokta fl-Isptar Mater Dei għal tlett snin.

Jidher ukoll li l-Gvern Malti ntrabat li jimpjega miegħu l-gradwati kollha ta' din l-Universita' għal perijodu ta' sentejn. Jidher li l-bini ta' Għawdex għandu jinbena minn *Vitals Global Healthcare* bħala parti mill-kuntratt. Il-gradwati Maltin tal-Medical School ta' l-Universita ta' Malta m'għandomx din il-garanzija.

Wara ftehim mal-Medical Association of Malta ġie dikjarat minn Bart's li huma kienu se jħallsu lit-tobba Maltin skont il-ftehim kollettiv preżenti ma' l-Universita'.

*Bart's* dejjem iddikjara li ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' *Vitals*, ħlief li kien se jkollhom membru wieħed minn tnax fit-tmexxija tal-isptar.

Il-*business model* ta' Bart's jidher possibbli peress li l-Gvern ħa r-riskju kollu fuqu. Malta għandha reputazzjoni tajba, u d-domanda internazzjonali għal dan it-tagħlim hi qawwija.

**Il-liċenzjar u l-applikazzjoni għall-permessi**

Wieħed ma jistax jifhem kif *Vitals Global Healthcare,* li għandha biss żewġ impjegati, (jiġifieri l-Kap Eżekuttiv, is-Sur Armin Ernsts u l-Assistent Personali tiegħu, u mingħajr Dipartiment tar-Riżorsi Umani, u mingħajr Dipartiment tal-*Procurement*) tista' tmexxi uffiċċju wieħed aħseb u ara tliet sptarijiet sħaħ. Jidher li l-kumpanija *Vitals Global Healthcare* m'għandhiex flus, jew nies, jew esperjenza biex tagħmel dan.

Wieħed, għalhekk, ma jiskantax li l-kumpanija wkoll insiet tapplika għal-liċenzji neċessarji biex wieħed imexxi dawn l-isptarijiet u di fatti, in segwitu ghal Protest Giudizzjajru li tressaq xi gimghat ilu miz-zewg Unions esponenti, kien irrizulta illi l-licenzji kien ghad ma ghandhomx.

Filwaqt li l-Gvern, meta l-Onor. Konrad Mizzi kien ufficjalment il-Ministru responsabbli ghas-Sahha, kien ħareġ bl-ideja li tista' tibni sptar mingħajr applikazzjoni ta' ippjanar, dan kollu kellu jiġi rtirat taħt pressjoni Ewropeja skond id-direttivi ta' l-UE u l-Liġijiet ta' Malta.

SB

SPITERI BAILEY ADVOCATES

**Ftehim mal-Unions**

Illi fis-settur tas-Sahha Pubblika, huma erbgha l-Unions li jirrapprezentaw id-diversi setturi ta' haddiema. B'zieda mal-Unions esponenti, jizdiedu l-GWU u l-MUMN.

Gie mhabbar illi l-MUMN u l-GWU iffirmaw il-ftehim taghhom. Jinghad illi gie assikurat illi l-membri tagħhom jibqgħu ħaddiema tal-Gvern ta' Malta anke jekk ser jaqgħu taħt l-hekk imsejjaħ *management* ġdid. Dan minkejja illi mill-partijiet tal-kuntratt pubblikati – din ma tirrizultax.

Min-naħa tagħhom, il-UĦM *Voice of the Workers* u l-*Medical Association of Malta* (MAM), il-unions esponenti, minħabba dubji serji, qed jinsistu li qabel ma jieħdu dan il-pass u jorbtu lill-membri taghhom bi ftehim, għandhom l-ewwel jiġu pubblikati l-kuntratti **kollha**, isir *due diligence exercise* mill-Awditur Ġenerali fuq il-kwistjonijiet u d-dubji kollha u issa issir l-investigazzjoni mill-*Public Accounts Committee* tal-Parlament Malti. Huwa b'hekk illi kwalsiasi dubbji forsi jigu kkjarifikati.

"Forsi", peress illi jibqghu dubbji zgur dwar tant avvenimenti ohra illi mhux b'kumbinazzjoni jiccirkondaw ukoll din il-kwistjoni tal-kuntratti tal-ispartijiet mal-Vitals, mhux l-anqas, il-kwisjtoni tal-*Panama Papers*.

Dan il-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u *Vitals Gobal Healthcare* gie negozjat minn żewġ persuni msemmija fil-*Panama Papers* li fl-istess zmien ta' dawn in-negozjati, fethu kumpaniji sigrieti, u kkuntattjaw mhux inqas minn disa' banek biex fihom ikunu jistgħu jitfgħu s-senseriji u kommissjonijiet, li kienu jammontaw għal mijiet ta' eluf ta' ewro fis-sena.

Sitwazzjonijiet li certament huma inkwetanti imma ukoll iqajjmu hafna u hafna dubbji.

**Fost l-iżjed affarijiet inkwetanti għall-ħaddiema u għall-unions**

Kif wiehed jista' japprezza minn numru ta' premessi hawn fuq maghmula, il-Unions esponenti ghandhom numru ta' *issues* illi qed jinkwetawhom u li qabel ma jserrhu rashom dwarhom, mhux qed ihossuhom komdi jersqu biex jiffirmaw ftehim mal-Gvern. Fost dawn :

1. *Vitals Global Healthcare Malta*, verament ta' min hi? Finalment, il-Unions u l-membri taghhom, ma min ser ikunu qed ihabbtu wicchom?

2. Min jiftah *BVI Company* jagħmilha biex jaħbi xi ħaġa, jew biex jevadi t-taxxi, jew biex jaħbi minn fejn ġejjin il-flus - allura fejn sejjer il-qligħ li jista' jsir mill-operat tat-tlett sptarijiet f'Malta? Kif jista' jkun illi mistoqsijiet bhal dawn ma jinkwetawx lill-haddiema u r-rapprezentanti taghhom?

3. Il-ħabi jsir, jew għax ikun hemm possibbilta' ta' qligħ illegali, fl-agħar każ minn kriminalita' organizzata, jew inkella politiċi korrotti, jew indħil ta' gvernijet jew servizzi sigrieti ta' ċertu pajjiżi b'interess li jikkontrollaw servizz essenzjali. Il-Unions esponenti ihossu illi dawn id-dubbji kollha ghandhom jigu eliminati.

4. Minn fejn ġejjin il-flus ghal dan l-investiment? L-istabilita' tal-operatur hija mportanti ghall-Unions sabiex jassikuraw l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-membri taghhom.

5. X'inhi r-raġuni ghaliex qed tinheba l-identita' tal-proprjetarji wara dan il-progett?

6. Il-Unions jidhrilhom illi l-*business model* kif dikjarat *prima facie* juri riskju kbir. Kif jista' wieħed iġib lura l-investiment mingħajr ma l-Gvern joħroġ ewro iżjed? Il-Unions jidhrilhom illi jew inghatat informazzjoni ħażina, jew inkella mhux investiment serju.

7. X'inhi l-pozizzjoni tal-Gvern fir-rigward tal-*indemnity clause* illi l-membri tal-MAM igawdu minnha llum fl-isfond tal-ftehim mal-*Vitals Global Healthcare Malta*?

8. Il-haddiema u l-Unions esponenti jixtiequ illi jkun dejjem assikurati illi huma joffru l-aqwa servizz tas-sahha ghall-poplu Malti. B'dawn id-dubbji kollha, kif jistghu jserhu rashom il-Unions esponenti illi l-membri taghhom ser ikunu qed jahdmu f'ambjent tajjeb biex joffri servizz mediku tajjeb, adegwat u ta' livell ghall-poplu Malti u Ghawdxi?

9. Kif ser ikun assikurat illi l-haddiema membri tal-Unions esponenti ser ikollhom l-ghoddha, l-materjal u l-*equipment* kollu necessarju sabiex jadhmu, u illi tali makkinarju ikun mantnut b'mod adegwat?

10. X' garanziji hemm li l-pazjenti Maltin u Ghawdxin ser jinghataw l-ahjar kura medika u bla dewmien u li dan ma jigix pregudikat minhabba priorita ghall-pazjenti barranin (*medical tourists*)?

Is-sens ta' responsabbilita' tal-Unions jiddetta illi ma jaghlqux ftehim sakemm ma jkunux jafu l-parametri kollha importanti u necessarji f'liema il-membri taghhom ser ikunu qed jahdmu u joperaw fis-snin li gejjin. Huwa insult illi l-Gvern jippretendi illi l-Unions jintrabtu ghal numru ta' snin meta l-fatti kollha ghadhom mhux maghrufa. Aktar u aktar meta hemm tant habi, dubbji u misteri wara l-ftehim tal-Gvern mal-*Vitals Global Healthcare Malta*.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-***UHM Voice of the Workers*** u l-***MAM*** qed jitolbu lill-Kumitat Parlamentari għall-Kontijiet Pubbliċi sabiex jinvestiga dawn il-kuntratti bl-aktar mod dettaljat fil-kuntest tal-premessi hawn fuq magħmula u l-preokkupazzjonijiet hawn fuq espressi, mhux lanqas, illi:

Ma jagħmilx sens li l-Gvern qed jgħaddi t-tmexxija ta' tliet sptarijiet ewlenin f'idejn kumpanija anonima li timpjega biss żewġ persuni, mingħajr ftehim mal-*Unions* dwar il-ħaddiema li l-kumpanija m'għandha ebda esperjenza fis-settur;

Li minkejja dan, s'issa saret applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar biss biex tiġi rranġata l-faċċata ta' l-Isptar San Luqa u bini ta' uffiċċji u *lecture rooms* f'Għawdex. Dan kollu juri li m'hemm l-ebda intenzjoni serja sabiex isiru sptarijiet ġodda.

Illi fl-opinjoni ta' l-awturi, dan mhux qed isir fl-aħjar interess tal-poplu Malti u s-servizz mediku li jixraqlu, iżda biex kumpanija li m'għandhiex assi u li mhix magħrufa, tkun tista' tuża l-bini li ngħatalha għal tletin sena, fl-isfond ta' dubbji dwar il-materji finanzjarji u kummercjali tal-kuntratt.

Il-Unions esponenti ghandhom ukoll dubbji serji dwar fl-użu tal-fondi pubbliċi u l-assi pubblici, partikolarment, jekk ġewx segwiti il-ligijiet ta' *public procurement*, jekk il-evalwazzjonijiet tal-binjiet tat-tlett siti ta' sptarijiet sarux bi proċedura korretta mid-Dipartiment tal-Artijiet, u jekk din il-evalwazzjoni saritx minn periti indipendenti, u jekk il-prezzijiet ikkowotati kinux jirreflettu r-realtajiet tas-suq.

Jekk jirrizulta illi l-proprjetajiet ghaddew bi prezz baxx, kif aktarx hu l-kaz, u jekk dan sar bl-iskop illi l-proprjetajiet jintuzaw ghal garanzija bankarja necessarja, allura jekk hux kaz dan ta' *state aid* bi ksur tar-regolamenti u ligijiet Ewropej?

F'Għawdex, b'mod partikulari, dan l-operatur ngħata monopolju li jista' jirriżulta li fil-futur dan jista' jintuża kontra il-pazjenti Għawdxin, jekk dan hux permess taħt il-liġijiet tal-kompetizzjoni, u jekk inghatax eżenzjoni minn dan, u jew dan sarx kif tirrikjedi il-liġi.

Ghal dan kollu, Onorevoli Chairperson tal-Kumitat Parlamentari ghal Kontijiet Pubblici, il-Unions esponenti qed titlob lill-Kumitat minnek mmexxi sabiex jinvestiga fid-dettal il-kuntratt maghmul bejn il-Gvern u l-*Vitals Global Healthcare Malta* u/jew kwalsiasi entita' ohra, peress illi qabel ma jkun hemm il-konkluzjonijiet ta' din l-investigazzjoni u dik tal-Awditur Generali, il-Unions esponenti mhux disposti illi jiffirmaw ebda ftehim.

Il-Unions esponenti qed iweghdu l-kooperazzjoni shiha taghhom, anke jekk necessarju, billi jixhdu quddiem il-Kumitat.

Nirringrazzjak u Nselli Ghalik,

Avv. Ian Spiteri Bailey